MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1142/2002/1

**Raymond Xerri**
**vs**

**Paul Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) danni li sofra l-attur, meta fi Triq il-Hemsija, Rabat (Malta) fis-16 ta' Jannar, 2002, il-konvenut kien qed isuq vettura CAG-146, u baqa' diehel fil-vettura proprjeta` u misjuqa mill-attur bin-numru ta' registrazzjoni HMY-180, u dana prevja dikjarazzjoni li dina l-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez, bl-imghax legali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Edwrad Gatt li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li grat u jikkundanna lill- konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00) bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Mejju, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**